# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 28**

**Citazzjoni numru 586/01 JRM**

**Paul Micallef**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana u kif inhu llum maghruf id-Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-31 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha l-istess Qorti cahdet it-talbiet tal-attur ghal danni kontra l-konvenut;

Il-Qorti msemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

> "Illi din hija azzjoni għad-danni mnissla minn teħid ta' proċeduri dixxiplinari dipartimentali wara akkużi ta' twettiq ta' reat minn uffiċjal

pubbliku. L-attur huwa fizzjal fid-Dipartiment tad-Dwana u kien mixli bi tqwettiq ta' reati. Kienu nbdew proċeduri kontrih u, sakemm dam għaddej iż-żmien tal-imsemmija proċeduri, kien interdett mix-xogħol għal xi żmien b'paga sħiħa, u mbagħad wara, meta kien raġa' ġie interdett għal żmien ieħor, kien tħallas nofs paga. Hu dejjem ċaħad li għamel xi ħaġa ħażina. Billi huwa ma nstabx ħati mix-xiljiet li tressqu kontrih quddiem il-Qorti Kriminali, huwa jrid li l-imħarrek jagħmel tajjeb għat-telf kollu li ġarrab fi tnaqqis ta' paga, telf ta' benefiċċji li kien ikun intitolat għalihom li kieku ma kienx sospiż mix-xogħol, telf ta' sahra, u rifużjoni tal-ispejjeż legali li ħareġ biex iddefenda l-każ tiegħu quddiem il-Qrati;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni ma tiswiex għaliex ma fissirx b'mod ċar u li jinftiehem l-oġġett tat-talba tiegħu u jiġifieri jekk kienx qed jitlob id-danni talli nħeles mill-akkużi kriminali miġjuba kontrih jew talli l-imħarrek kien mexxa kontrih b'mala fidi. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-ebda waħda mit-talbiet tal-attur ma hija mistħoqqa. Huwa ċaħad li wettaq xi aġir illeċitu fil-konfront tal-attur jew li nieda xi proċeduri kontrih b'mod abbużiv u saħaq li mexa għal kollox ma' dak li jippreskrivu r-regolamenti li dak iż-żmien kienu fis-seħħ. Dwar it-tieni talba, qal li għalkemm huwa minnu li l-attur kien interdett mis-servizz pubbliku, kull parti mis-salarju, *bonus* statutorju u *income supplement* li nżammet sakemm dam hekk interdett intraddet lura lilu fis-sħiħ meta raġa' ddaħħal lura fis-servizz hekk kif inqatgħu l-kawżi kriminali kontrih. Minbarra dan, l-attur ingħata b'mod retroattiv kull promozzjoni li kellu jedd għaliha matul iż-żmien kollu li damu għaddejjin il-proċeduri kriminali, magħduda ż-żidiet fl-iskala tas-salarju li għalihom l-attur sata' kien intitolat. Żied jgħid li l-attur ma kellu l-ebda jedd għas-sahra, *shift allowances*, u *allowances* għall-Ħdud u festi pubbliċi fejn huwa ma wettaqx xogħol f'dawk iċ-ċirkostanzi u b'hekk ma setax jippretendi ħlas għal xogħol li ma wettaqx, iżda fejn fil-fatt wettaq dak ix-xogħol ta' sahra jew fi btajjel u Ħdud, huwa tħallas xorta waħda, minkejja li kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri kriminali kontrih. Temm jgħid li ma kellux iħallas l-ispejjeż li l-attur nefaq biex qabbad avukat jidher għalih fil-proċeduri kriminali, ladarba dawn ma kinux proċeduri abbużivi u tmexxew "fuq bażi oġġettiva tal-fatti";

"Illi l-imħarrek irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu waqt is-smigħ tal-4 ta' Ottubru, 2001[1], għalkemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[2] jidher li nesa d-dikjarazzjoni tiegħu u raġa' ttrattaha daqslikieku dik l-eċċezzjoni kienet għadha fis-seħħ. Minħabba li d-dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrek waqt is-smigħ tal-4 ta' Ottubru, 2001, torbot lill-istess parti fil-kawża, l-Qorti m'hijiex tqis l-ebda sottomissjoni tiegħu f'dan ir-rigward dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> joħroġ li l-attur kien fizzjal tad-Dwana sa minn Lulju tal-1970. F'xi żmien fl-1990, l-imħarrek (aktar 'il

[1] Paġ. 193 tal-proċess
[2] Ara paġġ. 350 – 1 tal-proċess

quddiem imsejjaħ "Id-Direttur") ressaq rapport mal-Pulizija dwar imġiba kontra l-liġi min-naħa tal-attur. Qabel dak inhar, l-attur ma kellu l-ebda każ dixxiplinari fil-karriera tiegħu fid-Dipartiment[3]. L-attur kien mixli (flimkien ma' oħrajn) f'sitt proċeduri kriminali separati marbuta ma' rilaxx ta' *containers* jew *trailers* mingħajr id-dokumentazzjoni meħtieġa. F'Lulju tal-1990, id-Direttur kiteb ukoll lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex din tiddeċiedi jekk, minħabba dawk il-proċeduri, kellhiex tirrakkomanda l-interdizzjoni tal-attur skond ir-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-uffiċjali pubbliċi;

"Illi dak iż-żmien l-attur kien qiegħed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fit-taqsima fil-Moll tal-Laboratorju, fejn kien ilu dettaljat sa mill-ewwel nofs tas-snin tmenin;

"Illi, fuq id-direzzjoni tal-Kummissjoni u sakemm kienu għaddejjin il-proċeduri, l-attur kien interdett mix-xogħol b'paga sħiħa b'seħħ mit-13 ta' Ottubru[4]. Minħabba li l-proċeduri kriminali kien jidher li sejrin jieħdu t-tul, fit-13 ta' Novembru 1990[5], id-Direttur kiteb lis-Segretarju Amministrativ fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex jirrakkomanda li l-interdizzjoni tal-attur titneħħa għal raġunijiet umanitarji, u li jiddaħħal mill-ġdid fl-impieg, imma f'taqsimiet oħra fid-Dipartiment. It-talba ntlaqgħet fis-17 ta' Diċembru, 1990[6];

"Illi l-attur iddaħħal jaħdem mill-ġdid mad-Dipartiment fil-21 ta' Diċembru, 1990, fit-Tarzna. Iżda, lejn il-bidu tas-sena 1991, reġgħu saru investigazzjonijiet dwar każi oħrajn li fihom ingħad li kien imdaħħal l-attur mill-ġdid. Id-Direttur reġa' kiteb lill-Kummissjoni skond ir-Regolamenti biex jirrakkomanda l-interdizzjoni tal-attur[7]. Il-Kummissjoni bagħtet tgħarrfu li kienet irrakkomandat li l-attur ikun interdett b'seħħ mill-1 ta' Marzu, 1991, b'nofs paga[8]. L-attur kien mgħarraf b'dan u nżamm milli jidħol għax-xogħol minn dak inhar;

"Illi wara bdil ta' korrispondenza fuq medda ta' xhur[9], id-Direttur, fuq talba magħmula lilu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fi Frar tal-1992[10], qabel li l-interdizzjoni fuq l-attur titneħħa[11]. Hekk sar fil-fatt[12] u l-attur raġa' ddaħħal jaħdem fid-Dipartiment b'seħħ mill-1 ta' April, 1992, u ntbagħat jaħdem f'taqsimiet oħra fi ħdan id-Dipartiment li tqiesu *non sensitive areas* 'il bogħod mit-taqsimiet li dwarhom kien investigat u li dwarhom kienu tressqu x-xiljiet kontrih;

---

[3] Xhieda ta' Franco Bruno 22.1.2004, f'paġ. 279 tal-proċess
[4] Dok "FBA", f'paġ. 232 tal-proċess
[5] Dok "FBB", f'paġ. 233 tal-proċess
[6] Dok "FBD", f'paġ. 235 tal-proċess
[7] Dok "FBE", f'paġ. 236 tal-proċess
[8] Dok "FBG", f'paġ. 238 tal-proċess
[9] Dokti "FBH" sa "FBK", f'paġġ. 239 sa 242 tal-proċess
[10] Dok "FBL", f'paġ. 243 tal-proċess
[11] Dok "FBM", f'paġ. 244 tal-proċess
[12] Dok "FBN", f'paġ. 245 tal-proċess

"Illi bejn April tal-1992 u Marzu tal-2000, intbagħat jaħdem f'taqsima tal-*Accounts*, b'xogħol klerikali bla ma tħalla jaħdem ix-xogħol skond il-grad tiegħu;

"Illi b'sentenzi mogħtija fis-7 ta' April, 1997[13], fis-17 ta' April, 1998[14], l-4 ta' Mejju, 1998[15], fis-26 ta' Jannar, 1999[16] u fil-25 ta' Ġunju, 1999[17], l-attur ma nstabx ħati tal-akkużi mressqa kontrih u meħlus minn kull ħtija;

"Illi wara li ngħataw is-sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati, l-attur ingħata b'lura l-promozzjonijiet li kien ikollu jedd għalihom matul iż-żmien li kienu għaddejjin il-proċeduri[18] u kif ukoll il-ħlas kollu ta' dak li kien inżamm matul iż-żmien tat-tieni interdizzjoni tiegħu[19];

"Illi f'Mejju tal-2000, l-attur ressaq ittra uffiċjali kontra d-Direttur biex jitlobu jersaq għal-likwidazzjoni tal-ħlasijiet pretiżi f'dak l-att ġudizzjarju. Billi dik is-sejħa ma ntlaqgħetx, l-attur fetaħ il-kawża f'April tal-2001;

"Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> li jsawru l-każ jitolbu li din il-kawża titqies sewwa fil-parametri li l-attur għażel li jressaqha fihom. Din hija azzjoni għad-danni u mhux waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. Għandu jingħad li, wara ntemmu l-proċeduri kriminali kontrih fil-Qorti tal-Maġistrati, l-attur tħallas il-paga kollha li kienet inżammitlu u kien ingħata wkoll, b'effett retroattiv, il-promozzjonijiet kollha li kien ikollu jedd għalihom li kienu ma kienx għaddej minn dawk il-proċeduri[20]. Dak li l-attur qiegħed jippretendi bħala dannu mġarrab f'din il-kawża huw l-likwidazzjoni tas-sahra li ma tħalliex jaħdem jew li tilef kemm dam barra mix-xogħol, il-ħlas ta' *allowances* matul l-istess żmien u kif ukoll il-ħlas lura tal-ispejjeż tal-avukati li kellu jħallas waqt il-proċeduri kriminali li minnhom ħareġ liberat minn kull xilja[21]. Huwa jemmen ukoll li jmissu jingħata l-imgħaxijiet fuq il-ħlasijiet (tas-salarju u żidiet mogħtija retroattivament) li ngħata wara ż-żmien;

"Illi, kif ingħad, l-attur jibni l-każ tiegħu fuq il-ħtija tad-Direttur imħarrek. Dan jagħmlu l-aktar minħabba li jgħid li kien l-istess Direttur li nieda l-proċeduri u ressaq (jew ordna lil xi uffiċjal ieħor biex iressaq) rapport mal-Pulizija biex jibdew jistħarrġu l-każ li fih implikaw lilu bla ma kellu x'jaqsam xejn. L-attur jisħaq li hu mill-ewwel ċaħad li kellu x'jaqsam mal-każ jew li għamel xi ħaġa li biha sata' tefa' fuqu xi dell ta' għamil skorrett jew twettiq ta' reat. Kif isemmi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jgħid li dak kollu li ġarrab ġara minħabba "d-diskrezzjoni

13 Dok f'paġġ. 95 sa 118 tal-proċess
14 Dokti f'paġġ. 119 sa 144 tal-proċess
15 Dok f'paġġ. 145 sa 163 tal-proċess
16 Dok f'paġġ. 164 sa 171 tal-proċess
17 Dok f'paġġ. 172 sa 185 tal-proċess
18 Dokti "FBP" sa "FBR" u "PMS" u "PMT", f'paġġ. 247 – 9 u 311 – 2 tal-proċess
19 Dok "FBO", f'paġ. 246 tal-proċess
20 Xhieda tal-attur 17.11.2004 u 20.4.2005, f'paġġ. 300, 303 u 306 tal-proċess
21 Xhieda tiegħu 4.10.2005, f'paġ. 335 tal-proċess

użata ħażin tal-konvenut"[22]. L-attur jisħaq li kien jaqa' fuq id-Direttur li juri b'mod tajjeb li kellu raġunijiet tajbin biex jiġġustifikaw is-suspetti li kellu fl-attur u li kellu każ kontrih qabel ma jaqtagħha li joħroġ il-"*letter to prosecute*" u jgħaddi r-rapport lill-Pulizija. Jgħid li d-Direttur naqas għal kollox milli juri bi provi tajbin li dawk is-suspetti kienu fondati[23];

"Illi, min-naħa tiegħu, d-Direttur jiċħad li huwa mexa mal-attur b'mod arbitrarju jew mhux bħal missier tajjeb tal-familja. Jgħid li l-attur naqas juri kif l-imġiba tiegħu (jiġifieri, tad-Direttur) tista' b'xi mod titqies li hija waħda li tagħmlu passibbli lejn l-attur għad-danni. Għall-kuntrarju, jgħid li seħħlu juri kif il-passi kollha li ħa kienu maħsuba mir-regolamenti fis-seħħ u kienu jaqgħu fil-firxa ta' l-arbitriju tiegħu bħala kap ta' Dipartiment li jsib ma' wiċċu qagħda bħal dik li ħarġet mill-istħarriġ dipartimentali li sar. B'mod partikolari, huwa jisħaq li nqeda bil-jeddijiet tiegħu fil-qies li jmiss u kif irid l-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, jgħid li l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi u hu ma jistax jitqies ħati tal-ħsara li l-attur jgħid li ġarrab minħabba dak l-użu;

"Illi l-Qorti tibda biex tqis li huwa minnu li l-attur inħeles minn kull waħda mix-xiljiet li tressqu kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan seħħ mhux f'każ wieħed, imma fis-sitt każijiet li tressqu kontrih. Biex ikun ingħad kollox, ma kienx l-attur waħdu li nħeles mill-akkużi, iżda l-imputati kollha f'kull wieħed mill-każijiet (magħduda dawk ta' żewġ fizzjali oħra tad-Dwana, filwaqt li fil-każ ta' uffiċjal ieħor – wieħed Roger Mifsud – dan miet waqt li kienu għaddejjin l-imsemmi proċeduri). Fis-sentenzi mogħtija, ħareġ li kien qed isir abbuż bil-ħruġ jew rilaxx mhux dokumentat ta' kontejners jew *trailers* bil-merkanzija mill-Moll tal-laboratorju, iżda fl-ebda każ ma sata' jingħad b'ċertezza min kien jaħti għal dan. Ma kienx każ iżolat ta' *container* wieħed. Ħareġ ukoll li, wara li ġraw il-każijiet li dwarhom kienu mixlija l-attur u oħrajn, id-Dipartiment nieda proċeduri ġodda ta' kif isiru l-kontrolli biex ikun hemm inqas kumplikazzjonijiet u iżjed kontabilita' dwar ir-rilaxx ta' *containers* u *trailers*;

"Illi l-attur jislet dawn iċ-ċirkostanzi bħala raġuni biex jargumenta li d-Direttur inqeda b'mod ħażin mid-diskrezzjoni tiegħu, kemm biex iwaħħal fih bħala wieħed mid-dipendenti tiegħu li kien imdaħħal fl-irregolaritajiet li bdew ħerġin u kif ukoll fir-rakkomandazzjoni tiegħu li jipproponi li l-attur ikun interdett. Huwa jgħid ukoll li dan l-użu ħażin tad-diskrezzjoni ġab miegħu l-effett dirett tat-telf kollu mġarrab minnu. Il-Qorti tqis li l-kejl tajjeb tal-użu tad-diskrezzjoni ma jsirx biss billi wieħed jara x'kien l-eżitu tal-proċeduri kriminali meħuda kontra l-attur. Dan qiegħed jingħad għaliex it-tnedija tal-investigazzjoni u t-teħid tal-proċeduri min-naħa tal-Pulizija Eżekutiva ntwera li ma kinux frott ta' akkaniment fieragħ dwar ġrajjiet mistħajla. Dak li ħareġ mill-investigazzjoni dipartimentali kien il-kxif ta' nuqqasijiet u egħmejjel li tassew kienu qegħdin jiġru u li tassew kienu qegħdin isiru bi ksur tal-

[22] Paġ. 337 tal-proċess
[23] Paġ. 345 tal-proċess

liġi. Għalhekk, biex wieħed jara jekk id-direttur inqediex sewwa bid-diskrezzjoni tiegħu, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li kellu quddiemu dak iż-żmien li ħa d-deċiżjonijiet tiegħu;

"Illi din il-Qorti hija tal-fehma li d-Direttur mexa ma' dak li kienu jitolbu minnu r-regolamenti fis-seħħ dak iż-żmien għaċ-ċirkostanzi li kien għaddej minnhom l-attur f'dik il-ħabta. Ladarba irriżultalu li kien hemm irregolaritajiet f'taqsima tad-Dipartiment, kien marbut li jibda jistħarreġ u kien marbut ukoll li jara li l-abbuż jitwaqqaf. Bl-istess mod, fejn l-irregolarita' tieħu s-sura ta' ksur tal-liġi, jaqa' fuq id-Direttur id-dmir ukoll li jgħarraf lill-Pulizija, l-aktar fejn, bħal f'dan il-każ, jista' jkun imdaħħal ukoll xiħadd li ma kienx impjegat tad-Dipartiment[24]. L-investigazzjonijiet tal-Pulizija li baqgħu sa ma wasslu għall-ħruġ min-naħa tal-Pulizija Eżekuttiva ta' akkużi kontra l-attur (u kontra oħrajn, magħduda fizzjali oħrajn tad-Dipartiment tad-Dwana) kienu ċirkostanzi li, wara li sar ir-rapport tal-bidu, mxew indipendentement mir-rieda tad-Direttur. Id-dewmien li ttieħed biex intemmu l-proċeduri kien marbut mal-fatt li l-każijiet kienu jagħmlu parti minn investigazzjoni usa' li fiha ddaħħlu wkoll terzi persuni (importaturi) li ma kenux impjegati tad-Dipartiment, minbarra li kien meħtieġ jinkiseb tagħrif ukoll minn dipartimenti tad-Dwana minn barra minn Malta. Minħabba li l-investigazzjoni kienet tittratta wkoll dwar sistema li kien wassal biex għadd ta' *containers* jew *trailers* inħarġu minn taħt il-kontroll tad-Dwana b'mod illegali, dawn l-investigazzjonijiet kellhom tabilfors jieħdu żmien. Huwa minnu li l-Qrati tal-Maġistrati waslu għall-fehma li l-Prosekuzzjoni ma seħħilhiex tipprova x-xiljiet tagħha fl-ebda wieħed mill-każijiet imressqa, iżda huwa daqstant ieħor il-fatt ukoll li dawk il-Qrati għarfu u irrikonoxxew li l-ħruġ illegali tal-imsemmija *containers* u *trailers* kienet ħaġa li dwarha ma kienx hemm dubju. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li kemm ir-rapport magħmul mid-Direttur u kif ukoll l-investigazzjoni li saret mill-Pulizija u t-tmexxija tal-kawżi fil-Qorti tal-Maġistati ma kenux proċessi abbużivi. Minbarra dan, il-Prosekuzzjoni fil-każijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx immexxija mid-Direttur, iżda mill-Pulizija Eżekuttiva;

"Illi l-kwestjoni li tqum minn dan kollu hi, għalhekk, jekk id-Direttur iridx iwieġeb lejn l-attur għall-ħsara li l-attur jgħid li ġarrab matul iż-żmien li kienu qegħdin jinstemgħu l-kawżi kriminali kontrih u sakemm inqatgħu bid-deċiżjoni li huwa ma kienx jaħti għall-ebda waħda mix-xiljiet mressqa kontrih;

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tqis li s-sanzjonijiet meħudin kontra l-attur (u sħabu) min-naħa tad-Direttur sakemm kienu mexjin il-proċeduri msemmija kienu kollha sanzjonijiet maħsuba mir-Regolamenti fis-seħħ. L-attur innifsu ma jilmenta bl-ebda mod li s-sanzjoni tal-interdizzjoni ma messhiex ittieħdet kontra tiegħu u lanqas jilminta mill-fatt li, matul it-tieni interdizzjoni, nżammlu nofs is-salarju. Il-Qorti wkoll, wara li rat id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti relativi, ssib li l-

[24] Xhieda ta' John Mifsud 6.5.2004 f'paġ. 288 tal-proċess

miżuri meħuda (dejjem fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-kunsens tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru) kienu kollha jaqgħu fil-parametri ta' dak preskritt mir-Regolamenti li dak inhar kienu fis-seħħ[25]. Il-miżuri meħuda kienu deliberati mill-organi istituzzjonali kompetenti u f'ċirkostanzi li kienu ta' serjeta' u rilevanza tali li jiġġustifikaw it-teħid tal-miżuri li ttieħdu[26]. Ħareġ ukoll li l-miżuri meħuda kontra l-attur kienu miżuri li d-Dipartiment kien ilu minn żmien qabel iwettaq dwar fizzjali jew uffiċjali oħrajn tad-Dipartiment li kienu jkunu għaddejjin minn proċeduri kriminali[27];

"Illi, minbarra dan, jidher li kien fuq inizzjativa tad-Direttur innifsu li, minħabba li l-proċeduri kriminali kienu qegħdin itulu, talab lill-Kummissjoni tikkunsidra kellhiex twaqqaf l-interdizzjoni tal-attur għal raġunijiet umanitarji u li dik l-ewwel interdizzjoni kienet twaqqfet. Din l-imġiba ma ssaħħaħx l-argument tal-attur li d-Direttur mexa miegħu bla kont jew b'nuqqas ta' dmir impost fuqu mil-liġi;

"Illi ħareġ ukoll f'dan ir-rigward, u fi żmien qasir wara li ntemmu l-proċeduri kriminali kollha meħuda kontra l-attur, li d-Dipartiment (hawnhekk ukoll fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u l-qbil tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru) kien irreintegra fis-sħiħ lill-attur kemm f'dak li kien id-dħul li kien inżammlu mill-ħlas tas-salarju matul iż-żmien tat-tieni interdizzjoni u kif ukoll ingħata b'effett b'lura kull promozzjoni li huwa kien sata' jingħata matul iż-żmien taż-żewġ interdizzjonijiet;

"Illi, fit-tieni lok, ladarba l-azzjoni tal-lum hija waħda mibnija fuq il-kawżali tal-ħtija akwiljana u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, biex ikun jista' jingħad li persuna taħti lejn oħra għall-ħsara li ssir b'għemilha, jeħtieġ li l-persuna mġarrba turi li l-għamil kien wieħed li jikser il-liġi jew magħmul b'nuqqas jew traskuraġni fit-twettiq ta' dmir impost mil-liġi[28]. Fuq kollox, minbarra li trid turi wkoll ir-rabta bejn l-għamil u l-ħsara mġarrba bħala effett dirett, irid jintwera x'kienet il-ħsara li ġġarrbet. Fil-każ tal-lum, l-attur jgħid li għadda minn dak li għadda minħabba l-inizzjativa li ħa d-Direttur biex ipoġġih taħt investigazzjoni fuq in-nuqqasijiet li kienu qegħdin jirriżultaw fid-Dipartiment. L-attur iqis din l-inizzjativa bħala waħda diskriminatorja jew abbużiva tad-diskrezzjoni mwettqa – u, minħabba f'hekk, illegali jew abbużiva tel-jeddijiet tiegħu – għaliex għażlet lilu minn uħud oħrajn minn sħabu li, bħalu, kienu jagħmlu dmirijiet fit-taqsimiet fejn kienu qegħdin jirriżultaw l-abbużi u li kontra tagħhom l-istess Direttur deherlu li ma kellux jindaga wkoll;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-diskrezzjoni mwettqa mid-Direttur kienet waħda li tagħtih firxa wiesgħa fil-mod li bih kien imexxi d-Dipartiment. Ir-raġuni li wasslitu biex jirrapporta lill-attur (u tnejn oħra minn sħabu) kienet ir-riżultat ta' stħarriġ li sar minn dokumenti tad-Dipartiment

---

[25] Reg 4(2) u 4(3) tal-A.L. 5 tal-1977
[26] Affidavit ta' Eric Serraċino f'paġġ. 254 – 5 tal-proċess
[27] Affidavit ta' John Mifsud f'paġ. 264 tal-proċess
[28] Artt. 1032(1) u 1033 tal-Kap 16

innifsu. L-istess jista' jingħad dwar id-diskrezzjoni mwettqa minnu dwar liema taqsima kellu jintbagħat jaħdem fiha l-attur sakemm jingħalqu l-każijiet li kienu tressqu kontrih. Huwa minnu li l-attur imaqdar dan l-istħarriġ li huwa jgħid li sar minn "żewġ tfajliet *student workers*"[29] u li, fl-ebda waqt li kien għaddej dak l-istħarriġ ma ntalab jagħti l-verżjoni tiegħu. Iżda l-mistoqsija li toħroġ minn dan kollu hi jekk kemm-il darba l-attur seħħlux juri li dik id-diskrezzjoni kenitx imwettqa tassew b'mod diskriminatorju jew abbużiv. Il-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-atti kollha tal-kawża, ma ssibx li l-attur seħħlu tabilħaqq jipprova dan kollu;

"Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[30]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[31]. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jissemmew aktar qabel f'din is-sentenza, l-Qorti ma ssibx li d-Direttur inqeda b'mod irraġonevoli bid-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi jew li mexa mal-attur b'mod mhux raġonevoli;

"Illi l-attur jgħid ukoll li d-diskrezzjoni tad-Direttur twettqet b'mod diskriminatorju bi ħsara għalih. F'dan ir-rigward, huwa jgħid li d-Direttur ittratta miegħu b'mod differenti minn kif ittratta lil impjegat ieħor tad-Dipartiment – wieħed Henry Cassar – li, minkejja li wkoll kien taħt investigazzjoni u li kontrih ukoll kienu qegħdin jitmexxew proċeduri kriminali, tħalla jaħdem f'taqsima tad-Dipartiment li l-attur ma tħalliex jaħdem fiha u li x-xogħol fiha kien jintitolah (kif intitola lill-imsemmi Cassar) għall-ħlas ta' sahra sostanzjali, ħlas ta' *allowances* u benefiċċji oħra li l-attur kien imċaħħad minnhom sakemm dam jaħdem fit-taqsimiiet l-oħra li ntbagħat jaħdem fihom. L-attur iżid jgħid li t-trattament li ngħata Cassar kien ukoll fi żmien meta l-proċeduri kontra Cassar kienu għadhom pendenti, filwaqt li, fil-konfront tiegħu (jiġifieri, tal-attur), xorta waħda ma reġax intbagħat jaħdem fit-taqsima li minnha kien tneħħa, minkejja li l-proċeduri kriminali kienu ntemmu bla ma kien misjub ħati;

"Illi dwar dan l-ilment tal-attur, mill-provi[32] joħroġ li tassew li l-impjegat l-ieħor ntbagħat jaħdem f'taqsima li għandha x'taqsam ma' dħul ta' merkanzija (it-taqsima tal-*baggage room* li twettaq xogħol dwar id-dħul u l-ħruġ tal-passiġġieri mill-Port), minkejja li ma kenitx l-istess taqsima li fiha kien jaħdem qabel (dik tal-merkanzija li tinħatt jew titgħabba mill-bastimenti merkantili). Ħareġ ukoll li, filwaqt li l-attur kellu żewġ fażijiet ta' interdizzjoni, Cassar kien interdett darba waħda biss (fl-istess żmien li kienet għaddejja t-tieni interdizzjoni tal-attur), u sal-

[29] Affidavit tiegħu f'paġ. 20 tal-proċess
[30] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10tth.. Edit), pġ. 295
[31] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[32] Xhieda ta' l-attur 17.11.2004 u ta' Alfred Cappello 6.5.2004, f'paġġ. 302 – 3 u 295 tal-proċess

istess żmien li kienu għaddejjin il-proċeduri kontra l-attur, kemm hu u kif ukoll Cassar kienu tneħħew mit-taqsima li kienu fiha u ntbagħtu fl-istess taqsimiet[33]. Kien biss wara li ntemmu l-akkużi kontra l-attur u fil-mori ta' din il-kawża (u, milli jidher, kienu għadhom pendenti dawk kontra Cassar) li Cassar intbagħat jaħdem fis-*Sea Passenger Terminal*, filwaqt li l-attur inżamm jaħdem fit-taqsima tal-*Accounts*;

"Illi l-Qorti tifhem l-ilment tal-attur, imma ma tqisx li dan kien wieħed diskriminatorju. Biex ikun hemm lok għal diskriminazzjoni, jrid jintwera (minn min iressaq l-ilment) li żewġ persuni jew aktar f'qagħda simili ngħataw trattament differenti li, fil-każ ta' wieħed jew aktar minnhom, kienu agħar minn dak li ngħata lill-oħrajn. Minbarra dan, biex isseħħ tassew id-diskriminazzjoni, ġeneralment jeħtieġ jintwera li t-"trattament agħar" ikun minnu nnifsu wieħed abbużiv jew bi ksur ta' xi jedd tal-persuna li tkun hekk imċaħħda. Fuq kollox, wieħed irid jagħraf bejn trattament li jiddiskrimina kontra persuna minn trattament li ma jagħtix privileġġ pretiż[34];

"Illi mill-eżami tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, ma jirriżultax li Cassar intbagħat jaħdem fil-*Passenger Sea Terminal* qabel ma nqatgħu l-kawżi kriminali li fihom hu kien mixli flimkien mal-attur. Sakemm damet fuqu l-interdizzjoni, jidher li ntbagħat jaħdem fl-istess taqsimiet li fihom kien intbagħat jaħdem l-attur. Intwera wkoll li t-trattament li ngħata lill-attur sakemm dam interdett kien it-trattament li ngħata fizzjal ieħor (Mario Attard) li miegħu kien mixli fl-investigazzjoni;

"Illi l-fatt li s-superjuri tal-attur għażlu li jibgħatuh jaħdem f'taqsima partikolari tad-Dipartiment jew li tħalla f'dik it-taqsima wara li ntemmu l-proċeduri kriminali kontra tiegħu lanqas ma tista' titqies, waħdeha, bħala deċiżjoni diskriminatorja. It-tqassim ta' xogħol fi ħdan kull Dipartiment hija waħda mis-setgħat mogħtija lil kull Direttur u tqassim bħal dak jaqa' fid-diskrezzjoni tiegħu li jibgħat f'dipartiment dawk il-ħaddiema li jidhirlu li jkunu l-aktar maqtugħa għal xogħol partikolari. Fil-każ tal-lum, jidher li matul iż-żmien li kien għaddej il-proċess fil-Qrati tal-Maġistrati kontra l-attur, l-istruttura u l-proċeduri interni fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana kienu għaddejjin minn bidla qawwija minħabba li kienu ssaħħu l-proċeduri dwar ir-rilaxx tal-merkanzija u dan ġab ukoll bidliet fil-pratiki tax-xogħol li talbu bdil tal-personal. Fi kliem ieħor, mill-provi ħareġ ukoll li ma kien hemm xejn x'juri li l-attur kien sejjer jinżamm fit-taqsima li kien fiha meta ngħata l-interdett ukoll kieku ma kenux ittieħdu kontrih proċeduri dixxiplinari;

"Illi fir-rigward ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u fit-tielet lok, xieraq jingħad li huwa wkoll prinċipju aċċettat fil-qasam tal-ħtija akwiljana li mhux kull ħsara li sseħħ bl-għamil ta' persuna tagħti lill-persuna mġarrba r-rimedju tar-risrċiment tad-danni. Fuq is-saħħa tal-

[33] Dok "KD5", f'paġ. 331 tal-proċess

[34] Ara, per eżempju, P.A. GCD **26.3.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Maureen Scicluna vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta et*** (mhix appellata)

massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, ikun jeħtieġ li l-parti mġarrba turi b'aktar qawwa li l-ħsara minnha mġarrba minħabba l-għamil ta' min kien qed jinqeda minn dritt tiegħu kienet ħsara li jistħoqqilha tingħata kumpens[35], u f'kull każ trid turi li l-ħsieb tal-persuna l-oħra kien li jmexxi b'mod abbużiv u vessatorju[36];

"Illi fir-raba' lok, id-danni li l-attur jippretendi f'din l-azzjoni tiegħu jikkonsistu fit-telf ta' xogħol b'sahra u telf ta' *allowances* li għalihom hu kien ikun eliġibbli li kieku tħalla jaħdem fit-taqsima li kien jaħdem fiha qabel ma kien interdett l-ewwel darba. Huwa minnu li l-attur inżamm jaħdem f'taqsima partikolari "mhux sensittiva" wkoll wara li ntemmlu ż-żmien tat-tieni interdizzjoni[37], iżda huwa daqstant ieħor il-fatt li, għal bosta snin wara li tneħħiet it-tieni interdizzjoni, l-proċeduri kriminali kontra l-attur kienu għadhom ma ntemmux. Hekk kif intemmu, l-attur ingħata dak kollu li kien jistħoqqlu (magħduda pagi miżmuma, promozzjonijiet u żidiet relattivi) b'effett retrospettiv. Ħareġ ukoll li, fl-istess żmien bejn April tal-1992 u Marzu tal-2000, l-attur kien intalab u fil-fatt wettaq xogħol ta' sahra li għalih tħallas ukoll[38]. Għalkemm l-attur innifsu jistqarr dan ukoll, jilminta li l-ammont ta' sahra li kien jingħata f'dik it-taqsima kien wieħed ħafna anqas minn dak li kien jingħata fix-xogħol fil-Moll tal-Laboratorju[39];

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jkollha tqis li d-danni li l-attur qiegħed jippretendi jaqgħu taħt żewġ kategoriji: u jiġifieri (i) dawk dwar telf ta' sahra u telf ta' *allowances* u (ii) dawk dwar rifużjoni ta' ħlasijiet ta' servizzi mogħtijin lilu mill-avukati li qabbad biex jidhru għalih fil-proċeduri kriminali. Dwar l-ewwel kategorija, l-Qorti tqis li hija marbuta mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti fis-seħħ fiż-żmien relattiv. Dawk ir-regolamenti jipprovdi għar-radd lura lill-impjegat li jkun interdett tas-salarju[40] li jkun inżammlu matul iż-żmien tal-istess interdizzjoni. Ir-regolamenti ma jitkellmu dwar l-ebda sura oħra ta' kumpens, wisq anqas tal-ħlas ta' mgħaxijiet jew ħlas għal servizzi li setgħu ngħataw imma ma ngħatawx mill-uffiċjal pubbliku li jkun. Dwar it-tieni kategorija, l-Qorti tqis li ladarba ma sabitx li d-Direttur kien mexa b'mod irraġonevoli mal-attur fit-twettiq tad-diskrezzjoni mogħtija lilu bħala kap dipartimentali fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li kienu għaddejjin dak iż-żmien, jiġi li n-nefqiet li l-attur daħal għalihom biex jingħata difiża xierqa fil-proċeduri kriminali li tnedew kontrih ma jistgħux jitqiegħdu f'ħoġor l-istess Direttur, għaliex tonqos ir-rabta kawżali bejn dik l-imġiba tad-Direttur u dik in-nefqa;

---

35 Ara, P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Cammast Ltd vs Joseph E. Gauċi et*** u P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Ltd vs Dr Lilian Calleja Cremona***

36 P.A. TM **18.9.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***

37 Xhieda ta' Franco Bruno 22.1.2004, f'paġ. 278 tal-proċess

38 Xhieda ta' Simone Paċe 15.1.2004, f'paġ. 267 tal-proċess

39 Xhieda tiegħu 20.4.2005, f'paġ. 307 tal-proċess

40 Fir-Reg. 2 tal-A.L. 5 tal-1977 imfisser bħala "*is-salarju bażi jew, skond il-każ, il-paga bażi*" (l-istess tifsira nżammet fir-Reg. 2 tal-A.L. 186 tal-1999)

"Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba tal-attur ma tistax tintlaqa' għaliex ma ntweriex tajjeb biżżejjed u kif trid il-liġi li l-ħsara li ġarrab l-attur kienet ir-riżultat ta' xi mġiba abbużiva jew illegali tad-Direttur li għaliha hu jaħti fil-konfront tal-attur. Ifisser ukoll li ż-żewġ talbiet l-oħra tal-attur ukoll ma jistgħux jintlaqgħu, minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

"Illi fl-aħħarnett irid jingħad li, f'dawn l-aħħar żminijiet, u għalhekk fiż-żmien li l-kawża kienet imħollija għas-sentenza, seħħet bidla fl-isem u d-desinjazzjoni tal-Kontrollur imħarrek. Illum il-ġurnata huwa sar jissejjaħ "Direttur Ġenerali (Dwana)". Is-setgħat u l-funzjonijiet li kellu l-Kontrollur baqgħu l-istess li hu mistenni jwettaq id-Direttur Ġenerali;

"Illi għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-ebda parti ma dehrilha li kellha tressaq talba formali f'dan ir-rigward, qiegħda tordna li l-'okkju' tal-kawża jkun jirrifletti din il-bidla billi, wara isem l-imħarrek jiżdiedu l-kliem "u kif inhu llum magħruf Id-Direttur Ġenerali (Dwana)". Din iż-żieda la qiegħda tolqot it-talbiet fil-mertu u lanqas l-eċċezzjonijiet tal-imsemmi mħarrek fil-mertu, imma qiegħda ssir biss għall-finijiet ta' integrazzjoni tal-ġudizzju;

"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-attur ma weriex tajjeb biżżejjed li l-imħarrek jaħti għall-ħsara mġarrba minnu minħabba l-proċeduri kriminali li għadda minnhom u li minnhom kien liberat;

"**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

"**Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** fil-mertu; u

"**Tikkundanna** lill-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**".

L-attur ghalhekk appella minn din is-sentenza u qed jitlob ir-revoka taghha u allura li jintlaqghu t-talbiet tieghu; l-appellat irrisponda billi jitlob il-konferma tas-sentenza.

AGGRAVJI

L-appellant jibda biex jghid li ma qabilx mal-ewwel Qorti illi d-diskrezzjoni li ghandu l-appellat "taghtih firxa wiesgha fil-mod kif imexxi

d-dipartiment" u ghalhekk billi din id-diskrezzjoni mhix assoluta ghandu jwiegeb ghad-danni li sofra b'rizultat tad-decizjoni tieghu illi jittiehdu proceduri kontra tieghu. Jargumenta li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali li tilliberah mill-htija addebitata lilu tiggustifika t-talba tieghu li l-appellat mar lil hinn *mill-qies li jmiss* skont l-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili u kwindi ghandu jwiegeb ghad-danni li kkawzalu b'rizultat ta' dik id-decizjoni. Izid jghid li l-appellat kellu jipprova li agixxa fil-qies li jmiss biex ma jigix ritenut risponsabbli ghad-danni.

Dwar dan l-ahhar argument il-Qorti ma taqbilx mal-appellant; ghall-kontrarju l-principju huwa li min jallega jrid jipprova jew –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*" kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H. Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u Peter Paul **Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995 u ricentement minn din il-Qorti fil-kawza **Vella v. Customs Freight Limited,** 29 ta' April 2016). Huwa l-attur ghalhekk li jrid jipprova li l-konvenut qabez il-limiti msemmija fl-Artikolu 1030 u mhux bil-maqlub. F'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq *il-preponderanza tal-probabiltajiet* (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; *b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja*

*tad-dubbju u ssib refugju fir-regola 'in dubio pro reo'* – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Kif sewwa rrimarkat l-ewwel Qorti din hija azzjoni ghad-danni "sic et sempliciter" u allura japplikaw ir-regoli normalment applikabbli f'dawn il-kawzi. Ghalhekk "il-*kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta jipprevedi dak l-effett*" *… … .* - **Annunziato D'Amato et –v.- Joseph Camilleri et, Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 a Vol XLII pl p74**.

Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-konvenut ta' rikors ghall-hrug ta' procedura kontra l-attur fil-kawza in kwistjoni (f'dak il-kaz mandat ta' inibizzjoni) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **Jane Spiteri v. Nicholas Camilleri** (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn gew rijaffermati s-segwenti principji:-

> *(a) "Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandhu bl-ebda mod jigi mxekkel.*
>
> *(b) "Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.*
>
> *(c) "Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il-riconoscimento, sebbene*

*non vi riesca" ("**Demajo vs Page" - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895**) Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interpretazjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.*

"*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima**" - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("**Agius vs Dott. Carbone nomine**" - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' ta' proceduri ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". ("**Mugliette vs Bezzina**" - XXVI. I. 405).*

"*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-*

> "*Il diritto cessa dove comincia l'abbuso … … riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti". Applikat dan ilprincipju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (**Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg. 560).***

F'dan l-ambitu l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **John Zarb v. Port Cotonera Limited (PA. 18 ta' Settembru 2002)** u **Spiteri v. Camilleri (PA, 10 ta' Jannar 1992)** fejn gew imsemmija dawn l-istess principji.

Dawn l-ahhar tlett principji huma fil-fehma ta' din il-Qorti applikabbli ghal dan il-kaz, anzi jimmiltaw aktar favur l-appellat fic-cirkostanzi tal-istess kaz. L-appellat infatti ma beda ebda procedura huwa stess kontra l-appellant (kif kien il-kaz fil-kawzi citati) anke jekk il-proceduri kriminali fil-

konfront tal-appellant ittiehdu fuq rapport tieghu. Kif qalet l-ewwel Qorti, "*il-bidu tal-investigazzjoni u t-tehid tal-proceduri minn naha tal-Puliizja ma kienux frott ta' akkaniment fieragh dwar grajjiet misthajla*". Din il-Qorti taqbel ukoll li l-appellat "*mexa ma' dak li kienu jitolbu minnu r-regolamenti*".

Fatt importanti wkoll huwa li fil-proceduri kriminali msemmija, gie definittivament stabbilit li r-reat li l-appellat kien issuspetta li qed jigri fil-fatt kien gara u l-Qorti adita lliberat lill-appellant bhal ma lliberat l-akkuzati l-ohra ghaliex ma setghetx tistabilixxi min kienu l-awturi tal-istess reat. Ghalhekk l-appellat ma kellu ebda triq ohra hlief li jirraporta l-kaz lill-Pulizija anzi kien jonqos mid-dmirijiet tieghu kieku naqas li jaghmel dan.

Il-Qorti taqbel ukoll mal-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ghall-ilment tal-attur dwar allegata diskriminazzjoni kontra tieghu; ma ntweriex li kellu trattament divers minn persuni ohra li kellhom l-istess akkuzi. Huwa wkoll diskrezzjonali ghall-appellant li jassenja x-xoghol lill-impjegati tad-Dwana skont il-grad taghhom u ebda impjegat ma ghandu dritt jaghzel fejn ikun assenjat biex jaghzel lok fejn ikun jista' jaghmel hafna "over time" jew ikun intitolat ghal xi "allowances", sakemm ma tigix provata xi forma ta' diskriminazzjoni ingusta li f'dan il-kaz ma rrizultat b'ebda mod.

L-istess jinghad ghall-pretensjonijiet tal-appellant dwar id-danni. Ladarba gie rifuz is-salarju li kien twaqqaflu ma jistax jippretendi li jithallas ta' sahra u allowances li ma hadimx ghalihom. L-appellant kif qalet l-ewwel Qorti mexa mad-disposizzjonijiet tar-regolamenti vigenti. (Reg. 2 tal-Avviz legali 5 tal-1977). Kwantu ghall-ispejjez legali illi inkorra, ladarba l-appellant ma abbuzax mill-poteri tieghu kif qed jallega l-appellant, jonqos ghal kollox in-ness necessarju bejn l-azzjoni kolpuza u d-danni ghaliex tal-ewwel ma gietx riskontrata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata. L-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb